A.L. 344 ta' l-2010

ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

Regolamenti ta' l-2010 dwar ir-Reklamar u l-Promozzjoni ta' Prodotti tat-Tabakk

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 tal-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar ir-Reklamar u l-Promozzjoni ta' Prodotti tat-Tabakk.

Tifsir .

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"persuna responsabbli" tfisser kull persuna li f'kull waqt tkun qegħda twettaq, tissorvelja jew timmaniġġa xi ħidma li tkun qegħda ssir f'xi fond li dawn ir-regolamenti japplikaw għalihom u għandha tinkludi lil kull persuna li tkun qegħda taġixxi f'isimha jew f'isem il-prinċipal tagħha;

"sigarett finta" tfisser it-turija bi stampi ta' sigaretti u prodotti tat-tabakk li jidhru fuq makna għall-bejgħ awtomatiku tat-tabakk bil-ħsieb li jkunu jindikaw lill-konsumatur biex jagħżel kif jogħġbu;

"viċin ħafna" tfisser sa metru 'l bogħod minn post fejn isir il-bejgħ.

Reklamar ta' tabakk.

3. (1) Ebda persuna responsabbli ma tista' tirreklama jew tippermetti li jiġi reklamat fuq xi oġġett, sew mobbli sew mhux, xi sigarett, sigarru, tabakk jew prodott tat-tabakk:

Iżda fil-każ ta' reklamar li diġà jeżisti f'xi post fejn isir il-bejgħ li jkun jinsab fil-viċin ħafna ta' fejn jintwerew il-prodotti tat-tabakk għall-bejgħ u li ma jkunx jidher minn barra l-post tal-bejgħ bl-imnut, din id-dispożizzjoni għandha tibda sseħħ fl-1 ta' Jannar, 2011.

(2) Dan ir-regolament m'għandux japplika għall-ippakkettjar ta' tabakk kemm-il darba dak l-ippakkettjar ma jintużax b'tali mod li jitqies li jkun reklamar tal-prodott tat-tabakk.

(3) Sigarett finta għandu jkun biss permess f'xi fond mnejn jinbiegħu sigaretti, sigarri, tabakk u prodotti tat-tabakk sakemm dawk l-oġġetti finta jkollhom fuqhom l-avviż tas-saħħa: "Smoking kills - It-tipjip joqtol".

(4) Kull avviż tas-saħħa bħal dak għandu jkun jista' jinqara sew u m'għandux ikun ikopri inqas minn 30% ta' wiċċ l-oġġett finta.

Projbizzjoni ta' reklamar permezz ta' lotteriji.

4. Ebda persuna responsabbli ma tista' tuża jew tippermetti li jsiru lotteriji u skemi ta' rigali oħra li jkunu maħsubin għall-promozzjoni u r-reklamar ta' sigaretti, tabakk u prodotti tat-tabakk.

Bejgħ ta' tabakk minn makni għall-bejgħ awtomatiku tat-tabakk.

5. Ebda persuna responsabbli ma tista' tbiegħ jew tħalli li jinbiegħ xi prodotti li ma jkunx sigaretti u prodotti tat-tabakk minn makni għall-bejgħ awtomatiku ta' sigaretti u prodotti tat-tabakk.

Liġijiet u regolamenti oħra.

6. Dawn ir-regolamenti huma mingħajr preġudizzju għal liġijiet u regolamenti oħra magħmulin biex iħarsu aktar is-saħħa tal-komunità mill-effetti ta' espożizzjoni għat-tipjip ta' tabakk.

Jirrevoka A.L. 406 ta' l-2005.

7. Ir-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Projbizzjoni ta' Reklamar u Promozzjoni ta' Prodotti tat-Tabakk, qegħdin b'dawn jiġu revokati.